MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 1080/2004

SPETTUR MARIO TONNA
SPETTUR CARMEL ABDILLA
VS
JOSEPH BARBARA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Barbara ta' 17 l-sena imwieled gewwa Pieta nhar l-1 t'Ottubru 1987 bin France u Margaret nee Barbara residenti 74, Triq Raymond Caruana Gudja detentur tal-karta tal-identita 444387M tallii matul ix-xahar ta' Novembru 2004 f'diversi bnadi fil-gzejjer maltn xjentement laqa ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom diversi oggetti u cioe apparat ta' hi fi u stereos tal-vetturi u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-16 ta' Frar 2005 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 334 tal-kap 9 u Art 7 tal-Kap 446 tqieghed lill-imputat that ordni ta' probaton ghal perjodu ta' sentejn u dana taht is-sorveljanza tal-probation officer Marietta Lanzon.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------